MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 407/2008

**A B f'isimha u ghan-nom tal-ulied minuri D, F u E ahwa B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici pro et noe ippremettiet :

1. Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fit-8 ta' Lulju 1998, u minn din l-ghaqda twiledu tliet (3) tfal, u cioe' D, F u E ahwa B, lkoll minorenni; u
2. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti ma ghandhiex aktar possibbli minhabba htijiet imputabbli lill-intimat konvenut senjatament minhabba vjolenza, eccessi,

sevizzi u ingurji gravi da parti tal-intimat fil-konfront tal-esponenti, u in subsidium, ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u
3. Illi l-esponenti ottjeniet d-debita awtorizazzjoni tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fid-29 ta' Awissu 2008 sabiex tkun tista tipprocedi b'din l-istess istanza; u
4. Illi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn u ghalhekk kellhom jigu intavolati l-proceduri odjerni;

Ghaldaqstant qed titlob li din il-Qorti :

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut intimat, u tawtorizza lill-attrici rikorrenti tghix separatament mill-konvenut intimat;
2. Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici rikorrenti, u tiffissa l-granet u l-hinijiet li fihom il-konvenut intimat ghandu jinghata access fil-konfront ta' uliedu;
3. Tordna u tikkundanna lill-konvenut intimat jivversa manteniment ghall-attrici rikorrenti ghaliha u ghat-tliet (3) ulied minuri, liema manteniment ghandu jigi likwidat u ffissat minn din l-Onorabbli Qorti;
4. Tapplika kontra l-konvenut intimat, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet ghandhom jigu assenjati wahda lill-esponenti u l-ohra lill-konvenut intimat, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
6. Tordna lill-konvenut intimat sabiex jivvaka mid-dar matrimonjali;
7. Tinnomina Nutar Pubbliku, jekk ikun il-kaz, sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

8. Tikkundanna lill-konvenut intimat jikkonsenja lill-esponenti l-beni parafernali taghha u tordna illi l-esponenti ghandha tinghata l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;
9. Tawtorizza lill-attur rikorrenti jirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut intimat ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici pro et noe;

Rat in-nota guramentata tal-attrici tat-2 ta' Dicembru 2008;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;
2. Illi dan iz-zwieg tkisser minhabba ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti, l-intimat ma kienx jahti ghat-tkissir taz-zwieg;
3. Illi l-intimat ma ikkommetta ebda att ta' theddid, sevizzi, ingurji gravi, mohqrija fil-konfront ta' l-attrici semmai kienet hi li kkommettit dawn l-atti. Partikolarment il-konvenut jichad bl-akbar qawwa l-allegazzjoni ta' vjolenza avvanzata mir-rikorrenti u li din mhix xejn hlief qlajja ohra taghha infondata biex tinkwina l-konvenut u r-reputazzjoni tieghu u tipprova tiehu vantagg fuqu;
4. Illi r-rikorrenti abbandunat il-hajja matrimonjali zmien ilu u qatt ma rieditx responsonsabilitajiet matrimonjali sabiex tasal ghall-bzonnijiet egojistici taghha tant li zmien ilu ghamlet pjan shih ta' kif tinqata' mill-hajja matrimonjali;
5. Illi apparti x-xoghol tieghu l-konvenut spicca jaghmel ix-xoghol kollu tad-dar wahdu;
6. Illi l-attrici hija fil-karattru taghha aggressiva, dominanti u timmanipula lil kullhadd u l-intimat huwa vitma ta' dan l-agir kollu ta' martu;

7. Illi f'diversi okkazzjonijiet l-attrici refghet idha fuq il-konvenut u regolarment tkellmu hazin u toffendih bil-familja;
8. Illi l-attrici ghandha xoghol fis u part-time jobs u paga tajba;
9. Illi l-konvenut apparti l-fatt li ma ghandux fejn jghix, ma ikkommetta ebda htija li minhabba fiha ghandu jitlef il-jedd li jghix god-dar matrimonjali;
Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti, ossia eccezzjonijiet, ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-partijiet ma ipprezentawx noti ta' sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet bl-applikazzjoni tal-Artikoli 48 et seq, ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, talba specifika sabiex il-intimat jigi ordnat jivvaka mid-dar matrimonjali kif ukoll talbiet relatati b'mod dirett mal-minuri wlied il-partijiet, u cioe' talba ghall-kura u l-kustodja tal-minuri u talba ghall-manteniment.

## <u>IL-VERZJONI TAR-RIKORRENTI</u>

Il-Qorti tirriferi ghall-affidavit tar-rikorrenti[1] u li permezz tieghu tixhed li kienet iltaqghet mal-intimat fis-sajf tas-sena 1996. Tghid li fil-bidu tar-relazzjoni taghhom kollox kien miexi sew u dan sakemm xi sena wara harget tqila bit-tifla l-kbira D. Il-partijiet izzewġu seba' xhur wara li

[1] Esebit a fol 22 tal-process

twieldet din l-ewwel tifla. Ir-rikorrenti tghid li l-problemi bdew mill-ewwel u li dawn kienu relatati ma' problemi finanzjarji. Tghid ukoll li qabel ma zzewgu hija kienet thallas il-kirja tal-post fejn kien jghix l-intimat minkejja li hu kien jahdem u taghti spjegazzjoni ghal dan billi tghid li l-intimat kien jonfoq id-dhul tieghu fuq ix-xorb.

Ir-rikorrenti tikkontendi wkoll li l-intimat beda jsawwatha sa' mill-bidu nett taz-zwieg, anki quddiem niesu u tiddiskrevih bhala ragel agressiv, tant li ghamlilha *black eye* hamest ijiem biss wara li zzewgu. Ir-rikorrenti tiddiskrevi l-agressjoni tal-intimat billi tirrakkonta li kien hemm episodju fejn tefalha l-bottijiet tal-*preserve*, dahal fuqha fil-kamra tal-banju u ghamel il-bzonnijiet tieghu fuqha, ipprova jitfaha mill-gallarija ghall-isfel, kien ikaxkarha l-kurutur minn xagharha tant li darba hallielha roqgha minghajr xaghar f'rasha) u anki sawwatha bis-*safety shoes*. Izzid tghid li l-uniku zmien tas-sena fejn l-intimat kien jikkomporta ruhu sew kien fiz-zmien ir-ramadan. Fi kliem l-istess attrici '***l-intimat kissirni psikologikament, kuljum kien jikkalpestani u jgieghlni nammetti- involvntarjament - li jien kont isni skart u kerha u hafna titli ohra. Kien jistmani ta' skjava tieghu u wara li kien jghatini xi xebgha jkissirni, kien ikolli noqghod, ghal bzonnijiet sesswali tieghu***'[2]. Fi ftit kliem, r-rikorrenti tispjega kemm bagħtiet bl-agir abbusiv u ta' moħqrija taħt il-intimat, u dan kemm mill-att fiziku kif ukoll mill-att psikoloġiku.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-ezami medikolegali li sar fuq il-persuna ta' A B fil-11 ta' Settembru 2006 minn Dr Mario Scerri specjalista fil-medicina forensika[3], fejn jaghmel referenza ghal dak li r-rikorrenti qieghda tallega dwar swat u vjolenza kommess mill-intimat u fir-rimarki tieghu jikkonkludi li "***l-lezjonijiet deskritti fuq l-ghonq huma kompatibbli ma' pressjoni fuq l-ghonq***", "***l-petechiae deskritti fuq il-wicc huma rizultat ta' asphyxia***", "***t-tbengil antik deskritt fuq is-sider huwa***

[2] Ara a fol 23 tal-process

[3] Esebit a fol 25 tal-process

***kompatibbli ma' blunt trauma***" filwaqt li "***l-lezjonijiet friski fuq is-sider huma kompatibbli ma' htief u grif***". Tali konkluzjonijiet mill-espert forensiku, ikomplu jaghtu sahha kbira lill-verzjoni tar-rikorrenti, *stante* li tali lezjonijiet deskritti huma kompatibbli ma' dak li tixhed dwaru hi fl-affidavit taghha u huwa kkorraborat ukoll b'diversi rapporti li saru mal-pulizija. Fil-fatt, f'dan l-istadju ssir referenza ghax-xhieda ta' WPC 223 Charlene Calleja[4] li ipprezentat numru ta' rapporti[5] li saru mir-rikorrenti f'perjodu ta' ghaxar snin. Il-Qorti tirrileva li fir-rapport immarkat bhala Dok. AGPC 1, r-rikorrenti kienet irrapurtat li l-intimat kien prova jallaqha filwaqt li f'numru ta' rapporti ohra rrapportat theddid. Il-Qorti thoss li l-fatt li tali rapporti jmorru lura ghal perjodu ta' ghaxar snin juri fl-ewwel lok li s-sitwazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet ilha tiddeterjora u li bhala stat ta' fatt, tali rapporti ma sarux hekk kif inbdew il-proceduri odjerni izda kienu ilhom sejrin ghal snin twal.

**IL-VERZJONI TAL-INTIMAT**

Illi permezz tar-risposta guramentata tieghu[6], l-intimat jichad l-allegazzjonijijet kollha migjuba minn martu, izda jigi nnutat li l-ulied ma jissemmewx fl-istess risposta guramentata tieghu. L-intimat lanqas ma jressaq kontro-talba dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri. Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tikkunsidra tali mankanza bhala nuqqas ta' interess da parti tal-intimat fl-istess uliedu, ghall-anqas inkwantu ghal dak li jirrigwarda l-kura u l-kustodja tal-istess minuri.

Permezz tax-xiehda tieghu, l-intimat, ghalkemm ma jghidhiex b'mod esplicitu, jidher li jattribwixxi t-tifrik taz-zwieg ghall-fatt li missier ir-rikorrenti qatt ma accettah bhala l-gharus u sussegwentement bhala r-ragel ta' bintu. Fil-fatt, l-intimat jghid il-mara kienet tkun affetwata minn

---

[4] Ara a fol 371 tal-process

[5] Dok. AGPC 1- AGPC 9 esebiti afol 375 -394

[6] Esebita a fol 43 tal-process

missierha ghalhekk "minn dejjem ma nitkellmux jien u missierha."[7]

Illi dwar is-swat u l-allegata vjolenza, l-intimat jixhed u jghid: *'**jien qatt ma ghamiltilha xi haga bhal swat etc, kienet dejjem hi li bdiet l-inkwiet dejjem il-mara. Qatt ma ġrat li jien għamilt toilet fuqha, mhux vera. Kienet dejjem tibda l-inkwiet billi jew ma tagħmilx u toqgħod tirrabja jew titkellem ħazin. Jiena ma nikellimx jien tkompli izjed u sa twaddab l-affarijiet. Kemm il-darba tobzoqli fl-ikel u wara li jinqala l-inkwiet tgħidli biha.' Qatt ma keċċejt lil mara, meta jinqala l-inkwiet kont nitlaq jien u għandi anke messaġi tagħha**.'* Izda il-Qorti thoss li tali dikjarazzjoni m'hijiex bizzejjed biex ixxejjen il-verzjoni kredibbli tar-rikorrenti, li hija wara kollox ikkorraborata minn diversi rapporti li saru tul perjodu ta' snin twal, kif ukoll mir-ritratti esebiti mar-rapport tal-espert forensiku li ser issir referenza ghalih aktar 'il quddiem.
L-istess intimat a fol 413 jixhed u jgħid *'**hija tiġi bil-moħbi tal-familja tagħha anke biex kollna x'naqsmu flimkien. Ilha xi erba jew ħames xhur mill-aħħar li konna intimi u għax ma rridx jien. Dan l-aħħar mort biex nagħtiha l-flus u marret tagħmel rapport l-għassa li sawwatha jew ma nafx xhiex allura nipprova li ma niltaqax magħha. Għandi ukoll messaġi fejn tghid li tħobbni u li timmisjani u ħafna affarijeit ta' mħabba hi tgħidli li ma tirranġax miegħi ħabba missierha**.'*

Ikkunsidrat :

Il-Qorti tirrileva li r-rikorrenti ma tipprovax twaqqa' l-allegazzjoni li skond l-intimat, ghall-anqas sa' ftit xhur qabel id-deposizzjoni tieghu, kienu ghadhom ikunu intimi, izda min-naha l-ohra, l-intimat ma jgib ebda prova dwar dan ghajr ghax-xiehda tieghu, tant li lanqas prova ta' tali messaggi ma' prezenta. Ghalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, jekk ir-rikorrenti ghadhiex tibghat messaggi ta' mhabba lill-intimat jew le, jew jekk il-partijiet ghadhomx jiltaqghu bil-mohbi tal-genituri taghha biex ikunu intimi, mhux li tant

[7] Ara a fol 412 tal-process

ghandha rilevanza, *stante* li jekk ir-rikorrenti kellha xi interess li twaqqa' l-kawza odjerna minhabba xi forma ta' rikonciljazzjoni, dan setghet ghamlitu facilment. Wara kollox, anke jekk zewg partijiet ikunu legalment separati, xejn ma jzomm lill-istess partijiet milli jkollhom relazzjonijiet intimi flimkien. Dan qieghed jinghad in linea ta' tema legali li jinsab ritenut fil-gurisprudenza li "***ir-relazzjonijiet intimi*** [fil-mori ta' kawza ta' separazzjoni]***, mhux dejjem jistabilixxu fatt decisiv, ghaliex jistghu jigu interpretati bhala effett ta' hsieb li huma doverusi sakemm tigi pronunzjata s-separazzjoni, jew bhala mezz biex jigu evitati gwaj minaccati jew temuti***"[8]. Fil-kawza fl-ismijiet **Dolores Zammit Vs Gio Maria Zammit**[9] gie ritenut li "***Iz-zmien li l-mizzewwgin ikunu qaghdu flimkien qabel ma regghu nfirdu m' ghandux importanza deciziva; u r-rikonciljazzjoni, bhala rinunzja ta' drittijiet, m'ghandhiex tigi prezunta. F' kaz ta' dubju ghandha tigi skartata, jew, fl-aghar ipotesi, ghandhu jifthiem li kien hemm biss tentattiv ta' rikonciljazzjoni. Xejn ma jiswa' li l-mizzewwgin ikollhom relazzjonijiet intimi fiz-zmien li jkunu regghu marru flimkien, ghaliex jibqa' dejjem li ma jkunx hemm dik l-intenzjoni serja li jergghu jistabilixxu l-konvivienza konjugali fil-paci u fil-konkordja, li huma l-essenza tar-rikoncilljazzjoni***"*.*

Ghalhekk, fil-kaz in dizamina, jekk wiehed kellu jiehu jaccetta l-verzjoni tal-intimat relatata mar-relazzjonijiet intimi li baqghu ghaddejjin sa' ftit xhur qabel id-deposizzjoni tieghu, dan xorta wahda ma jfissirx li l-partijiet kienu rrikonciljaw fis-sens legali citat aktar 'il fuq u konsegwentement, fl-ahjar ipotesi, kien hemm biss tentattiv ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

## IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI

[8] **Angiolina Mart Giorgio Spiteri Vs Giorgio Spiteri** deciza nhar it-3 ta' April 1964 mill-Qorti tal-Appell

[9] Deciza nhar is-17 ta' Frar 1961 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Il-Qorti tirrileva li permezz tal-verbal datat is-16 ta' Dicembru 2008[10], ir-rikorrenti ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi xi tressaq u l-kawza thalliet ghas-sentenza. Izda sussegwentement, l-intimat intavola rikors[11] li permezz tieghu talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u talab li jkun awtorizzat iressaq is-sottomissjonijiet tieghu. Din il-Qorti laqghet it-talba tal-intimat[12]a fol 50- id-digriet tal-Qorti issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza u awtorizza lill-assistent gudizjarju Barbara O'Brien sabiex tigbor il-provi.

Illi jidher li fis-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju, l-attrici, minkejja d-dikjarazzjoni taghha li kienet ezawriet il-provi taghha, kompliet tressaq il-provi. Il-Qorti tinnota li ghas-seduta tas-17 ta' Settembru 2009, l-intimat kien prezenti u kien debitament assistit ukoll. *Stante* li ma tirrizulta ebda oggezzjoni ghal-produzzjoni ta' tali xhieda, din il-Qorti qed tiehu tali nuqqas ta' oggezzjoni bhala accettazzjoni tacita ta' tali produzzjoni.

Illi l-attrici issoktat tressaq il-provi u fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2009[13] jaghti x-xiehda tieghu missier ir-rikorrenti, Emanuel Catania u tkompli tixhed ir-rikorrenti stess, A B. Mix-xiehda ta' Emanuel Catania jirrizulta li l-attrici kienet torqod ghandhom (u cioe' mal-ġenituri tagħha) u li r-rikorrenti bintu kellha titlaq mid-dar matrimonjali peress li kien hemm attentat fuq il-hajja taghha da parti tal-intimat zewgha, izda li bintu kienet hafritlu. Jixhed ukoll li n-neputijiet (u cioe' l-ulied tal-partijiet) kienu jcemplu ghax missierhom kien iħallihom waħidhom u jikkonferma li l-intimat kien jixrob. L-istess xhud jaghmel referenza ghal episodju fejn ikkonfronta lill-intimat fuq is-swat li kienet taqla' bintu mingħandu u l-intimat kien irrisponda lura u qal li kien għamel hekk 'għax tellathomlu'.

---

[10] Ara a fol 47 tal-process

[11] Ara a fol 49 tal-process

[12] Ara a fol 50 tal-process

[13] Ara a fol 335 tal-process

Illi il-Qorti tirrileva li minkejja li l-intimat inghata diversi opportunitajiet biex iressaq il-provi tieghu, l-unika provi li ressaq kienu d-diversi drabi li l-istess intimat xehed, liema xiehda hi ferm konfliggenti max-xhieda tar-rikorrenti.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

Illi dwar l-ewwel talba, u cioe' dik relatata mat-talba ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna Anthony**[14] fejn gie ritenut li "***Sabiex tintalab is-separazzjoni personali mhux mehtieg li jikkonkorru l-eccessi, is-sevizzji, it-theddid u l-ingurji gravi, izda kull wahda minn dawn ir-ragunijiet wahedha hija sufficjenti***" u zzid tghid li "***Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri…..Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***".

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond[15]** u **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia**[16] fejn gie ritenut li "***Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***" u zzid tghid ukoll li "***Sabiex tigi promossa t-talba ghas-separazzjoni mhux mehtieg kumulu ta` kawzali, kull wahda mill-kawzali ta' sevizji, it-theddid u l-ingurji gravi hija sufficjenti sabiex jigu vjolati r-rigwardi tal-konvivenza konjugali***".

In vista ta' tali gurisprudenza u minghajr ebda bzonn ta' ripetizzjoni zejda, il-Qorti taghmel referenza ghall-paragrafi citati aktar 'l isfel kif ukoll ghax-xhieda mressqa

[14] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Cit Nru 1715/2001)

[15] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

**[16] Deciza nhar it- 2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 98/2002)**

mir-rikorrenti u il-Qorti terga' tikkonferma li hija moralment konvinta li l-intimat irrenda ruhu hati ta' vjolenza fizika u psikologika fil-konfront ta' martu tul perjodu twil ta' ghall-anqas ghaxar snin (kif jirrizulta mir-rapporti tal-pulizija esebiti in atti) u ghalhekk, l-ewwel talba tar-rikorrenti qieghda tigi milqugha;

## DWAR IT-TALBA GHALL-KURA U L-KUSTODJA FAVUR IR-RIKORRENTI

Il-Qorti terga' tirrileva li jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimat m'ghandu ebda interess li jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri, tant li lanqas biss ipprezenta kontro-talba ghall-istess kura u l-kustodja. Minkejja li jirrizulta li m'hemmx kontestazzjoni dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, il-Qorti tirrileva illi f'kwistjonijiet ta' natura daqshekk delikata dwar il-minuri, id-decizjoni trid necessarjament tittiehed fl-ahjar interessi tal-minuri, u dan qieghed jinghad in linea tal-kawza fl-ismijiet **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[17] u **Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna Anthony**[18] fejn gie ritenut li:

"***Il-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew fil-ligi antika, sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera, u f'dik lokali, hija regolata mill-principju ta' l-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess ta' l-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. In konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew meta l-konjugi jisseparaw ruhhom gudizzjarjament, sew meta jigu biex jisseparaw konsenswalment***".

Il-Qorti imbaghad kompliet telabora l-kwistjoni tal-kura u l-kustodja f'kaz li l-genituri tal-minuri ma jibqghux jghixu taħt l-istess saqaf u l-istess Qorti ddikjarat li:

---

[17] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

[18] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) (Cit Nru 1715/2001)

"***Il-kura u l-edukazzjoni tat-tfal, fil-kaz li l-mara ma tibqax tghix mar-ragel, trid dejjem tigi affidata lil dak, fost il-mizzewgin li jigi rikonoxxut bhala aktar adatt u idoneju sabiex jikkurahom u jedukahom, tenut kont ta' l-eta` ta' l-istess tfal u c-cirkostanzi kollha tal-kaz taht dawk il-provvedimenti li jigu kkunsidrati ghall-vantagg ta' tali tfal***".

Il-Qorti tirrileva li hekk kif il-Qorti tispjega fid-dettal aktar 'il quddiem, tiddikjara li hija konvinta sal-grad rikjest mil-ligi mill-karattru vjolenti u aggressiv tal-intimat, u ghaldaqstant hija konvinta li huwa fl-interessi suprem tal-minuri li jkunu taħt il-kura u l-kustodja esklussiva tar-rikorrenti ommhom, b'access favur l-intimat missierhom. Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tilqa' t-tieni talba attrici u tafda l-kura u l-kustodja tat-tliet ulied tal-partijiet b'mod esklussiv f'idejn ir-rikorrenti ommhom, b'access favur il-missier kull nhar ta' Sibt jew Hadd, b' mod alternat mill-9.30am sas-7.00pm.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-fatt li r-rikorrenti prezentat numru ta' FS3s tal-impjieg taghha stess (ara Dok. AEG 3 - AEG 14 esebiti a fol 347 – 358). Il-Qorti tirreferi wkoll ghal Dok. AEG 15 li juri li l-istess attrici m'ghandha ebda debitu mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u dan jkompli juri li r-rikorrenti ghandha kollox in ordni. Il-Qorti tirrileva li gialadarba hi r-rikorrenti stess li ddikjarat li ghandha introjtu stabbli, ghal dak li jirrigwarda manteniment ghaliha, ma jidhirx li hemm lok li il-Qorti ghandha tghaddi biex tillikwida tali manteniment. Ghaldaqstant, it-tielet talba relatata mal-manteniment tar-rikorrenti qieghda tigi michuda abbazi tal-fatt li l-istess rikorrenti ghandha impjieg fiss izda il-Qorti tordna wkoll li, f'kaz li r-rikorrenti ma jkollhiex impjieg, u dan ikun ghal ragunijiet li m'humiex imputabbli fuq l-istess rikorrenti, il-manteniment dovut mill-intimat favur ir-rikorrenti f'dak il-kaz biss ikun dak ta' €300 kull erba' gimghat.

**<u>DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-ULIED</u>**

Din it-talba hija konsegwenzjali ghat-talba relatata mal-kura u l-kustodja tal-minuri. Gialadarba, din il-Qorti qieghda tiddeciedi li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f'idejn ir-rikorrenti b'mod esklussiv, allura dan necessarjament ifisser li l-intimat ghandu jikkontribwixxi ghall-ghixien ta' wliedu billi jhallas manteniment favur ir-rikorrenti ommhom. Dan qieghed jinghad in linea ta' gurisprudenza, fosthom il-kawzi fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[19] u **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[20] fejn saret referenza ghal:

Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

"***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

U ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

"***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta'

[19] Deciza nhar il-25 ta' Gunju 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur 2668/1996)
[20] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom."

Illi certament l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet ta' pendente lite, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat, kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap 16, u skond l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri verso l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta' l-istess artikolu 20. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skond id-dettami tal-ligi, u skond il-kalkoli hemm indikati.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-minuri m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, jidher li z-zewg partijiet ghandhom impjieg fiss, u ghalhekk, il-likwidazzjoni tal-manteniment dovut ghandu jiehu in konsiderazzjoni l-introjtu tal-istess kif ukoll tal-kontribuzzjoni li wiehed jew wahda mill-partijiet qieghda taghti ghall-ghixien u l-ben essere tal-istess ulied. Tenut kont li r-rikorrenti hija fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri, u ghalhekk ir-responsabbilita’ tal-istess minuri qieghda tigi fdata lilha b’mod esklussiv, dan necessarjament ifisser li l-istess rikorrenti qieghda tikkontribwixxi ghall-istess minuri mhux biss b’mod finanzjarju (*stante* li l-ammont ta’ manteniment hekk likwidat u li l-intimat huwa ordnat li jhallas zgur li mhux bizzejjed ghall-ghixien u hajja tajba ta’

tliet ulied, u ghalhekk ir-rikorrenti ser tikkontribwixxi favur l-istess minuri) izda ser tikkontribwixxi wkoll f'kull aspett iehor relatat mal-istess minuri, *stante* li l-ulied ser jghixu mal-istess rikorrenti ommhom u ser ikunu taħt ir-responsabbilita' esklussiva taghha.

Il-Qorti taghmel referenza ghad-dokument esebit a fol 345 tal-process, liema dokument gie kkonfermat bil-gurament mill-istess rikorrenti u li jaghti indikazzjoni tal-ispejjez skolastici (relatati mal-bidu tas-sena skolastika), eskluz l-kotba.

Illi l-attrici prezentat ukoll dokument relattiv ghall-paga ta' gimghatejn tal-intimat (ara Dok. AEG2 esebit a fol 346 tal-process), liema dokument juri li l-intimat ghandu introjtu *gross* ta' €253.02 kull gimghatejn. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xiehda tal-intimat datata t-8 ta' Marzu 2010[21] fejn l-intimat, filwaqt li jiddikjara li dak iz-zmien ma kienx qieghed jahdem, qabel kien jaghmel xoghol ghal rasu ta' kisi u zebgha. L-istess intimat ma jaghtix spjegazzjoni ghaliex ma baqax jaghmel tali xoghol ta' kisi u zebgha u il-Qorti thoss li gialadarba m'ghandha quddiemha ebda prova kuntrarja, l-intimat huwa ferm kapaci li jerga' jibda jahdem bhal ma kien jaghmel qabel. Sussegwentement, permezz tax-xiehda tieghu datata t-18 ta' Frar 2011[22], l-intimat jiddikjara bil-gurament li sab xoghol mal-kumpanija Elbros u li kien diga' ircieva cekk ta' aktar minn €300 (ghal 15 –il gurnata), mill-liema paga kienu tnaqqsu xi hwejjeg u ghodda.

Il-Qorti tirrimarka wkoll li mill-provi migjuba quddiemha, jirrizulta li l-intimat ilu ma jhallas manteniment ghal uliedu ghall-anqas sa' minn Marzu 2008, izda jigi rilevat ukoll li l-istess rikorrenti m'ghamlet ebda talba ghal-likwidazzjoni ta' manteniment dovut f'arretrati.

Il-Qorti tirrileva li *pendente lite* ma kien hemm ebda digriet vigenti bejn il-partijiet u ghalhekk, din il-Qorti qieghda tilqa'

---

[21] Ara a fol 396 tal-process

[22] Ara a fol 460 tal-process

t-tielet talba attrici limitatament ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-ulied u tillikwida l-manteniment dovut ghat-tliet ulied fis-somma ta' €300 kull erba' gimghat. Konsegwentement l-intimat qieghed jigi ordnat ihallas is-somma hekk likwidata favur ir-rikorrenti bil-quddiem f'kont bankarju indikat minnha.

**DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMAT**

Illi l-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia** deciza fit- 2 ta' Ottubru 2003[23] fejn il-Qorti kienet ghamlet referenza ghal Artikolu 51 tal-Kodici Civili li jghid hekk :-

"***Il-firda li ssir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikolu 40*** [u cioe' eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li

[23] Rik Ġur Nru 98/2002

l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment]***, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taht ic-cirkostanzi tal-kaz, ghandhom jghoddu, f'kollox jew f'bicca, id-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu." L-effetti kontemplati mill-artikolu fuq citat ghandhom japplikaw biss f'kaz fejn iz-zwieg ikun tfarrak bi htija preponderanti ta' xi hadd mill-mizzewgin***".

Il-Qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija unikament imputabbli lill-intimat u ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti u tapplika l-Artikolu 48 *et seq* kontra l-intimat, kif jirrizulta mill-kappa 'Dwar it-Talba Ghax-Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti';

## DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

L-attrici resqet bhala xhieda taghha diversi rapprezentanti tal-banek li esebew numru ta' dokumenti[24]. Ix-xhud Emanuel Catania jikkonferma dak li ssostni r-rikorrenti (anke permezz tan-nota guramentata taghha[25]) u cioe' li l-*loan* relattiv mad-dar matrimonjali tithallas b'mod esklussiv mir-rikorrenti[26]. A fol 324 hemm esebiti d-dokumenti relatati mal-*loan payout* tal-bank izda jidher li hemm kontestazzjoni dwar min fattwalment ghamel tali pagamenti mensili *stante* li min-naha taghha r-rikorrenti tikkontendi li hallset tali pagamenti b'mod esklussiv filwaqt li l-intimat jixhed li l-loan kien ihallsu hu[27]. Fi kliem l-intimat stess ***'meta xtrajna l-post ftehmna li peress li l-paga tieghi ma tidholx il-bank dirett, jien kont nghati l-flus***

[24] Ara d-dokumenti relatati mal-BOV esebiti a fol72 sa 103 u dawk relatati mal-HSBC esebiti minn fol 104 sa fol 245.

[25] Esebita a fol 18 tal-process

[26] Ara a fol 338 tal-process

[27] Ara a fol 396 tal-process

***lill-mara u wara jinqatghu mill-kont taghha. Jien mhux dejjem tajtha l-istess, daqqa Lm150 u daqqa Lm200 kull hmistax il-gurnata. Il-paga tieghi kienet ta' Lm80 jew Lm75 fil-gimgha barra overtime u xi xoghol ghal rasi tal-bini bhal kisi u zebgha'***. L-intimat izda jzid jghid ukoll li kien hemm xi perjodu ta' madwar sena u nofs fejn ma kienx qieghed jahdem u li allura tali pagamenti thallsu mir-rikorrenti.

L-attrici tipprezenta wkoll kont agorrnat tad-dawl u ilma (ara Dok AEG 16 esebit a fol 360 tal-process) li jammonta ghal €892.17 u tipprezenta wkoll set ta' dokumenti relatati ma' servizzi u provvisti tad-dar matrimonjali (ara Dok AEG 17 - Dok AEG 19 esebiti a fol 361 – 364 tal-process) li juru l-ispejjez li hallset ir-rikorrenti qabel ma telqet mid-dar.
Min-naha tieghu, l-intimat jiddikjara li '***id-dar biss taghna, il-mara hadet zewg televisions, DVD, video u xi oggetti ohra li qaltli li kellha bzonn ghat-tfal u jien hallejtha tihodhom'***[28] u jzid jghid li '***il-kontenut tad-dar xtrajnieħ fiz-zwieġ...meta xtrajna d-dar kienet lesta u wara ziedna 3 televsisions, dishwasher, zewg washing machines, freezer fridge u TV ieħor***"[29].

Illi ghalhekk mill-atti jirrizulta li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet hija formanti mis-segwenti:

(1) Id-dar matrimonjali li tinsab Fredmar Flats, Flat 5, Triq il-klamari, Mellieha Bay;

(2) L-ghamara li tinsab f'dan l-istess appartament;

(3) Depoziti bankarji, kemm f' isem iz-zewg partijiet, kif ukoll komuni;

(4) Facilita bankarja ossia house loan moghtija mill-HSBC (Bank) Malta plc liz-zewg partijiet sabiex inxtara l-fond matrimonjali, li l-bilanc taghha jammonta ghal madwar

---

[28] Ara a fol 413 tal-process

[29] Ara a fol 414 tal-process

€48,917. Il-facilita bankarja dejjem thallset mir-rikorrenti wahidha €460 fix-xahar. Il-Qorti tikkontendi li hija aktar verosimili l-versjoni li taghti r-rikorrenti meta a fol 23 tal-process tiddikjara li dejjem hallset il-loans u zzid tghid '***bil-paga tieghi nhallas il-pagament tal-loan dovut lil-bank u l-kumplamanet li jkun fadal kollu ghall-ispejjez tat-tfal***";

Ghalhekk il-Qorti, wara li laqghet ir-raba' talba tar-rikorrenti ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li zammet lill-intimat bhala l-konjugu responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, u wara li kkonkludiet li l-verzjoni tar-rikorrenti hija aktar vero-simili ghall-fatti kif graw (specjalment ghal dak li jikkoncerna l-pagamenti tal-*loan* tad-dar matrimonjali), qieghda tilqa' l-hames talba u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti bil-mod segwenti:

[1] Il-fond fi Fredmar Flats, Flat 5, Triq il-klsamari, Mellieħa Bay, ghandu jitqies bhala l-proprjeta' esklussiva tar-rikorrenti mara u ghalhekk, ghall-finijiet kollha tal-ligi, permezz tal-prezenti sentenza, din il-Qorti qieghda tassenja nofs sehem indiviz tal-istess fond li kien jappartjeni lill-intimat favur ir-rikorrenti. Dwar il-facilita' relattiva ghad-dar, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi li din ghandha tibqa' tithallas b'mod esklussiv mir-rikorrenti. Il-Qorti qieghda tahtar lin-Nutar Mario Bugeja sabiex jippubblika l-att relattiv u lil Dottor Mark Anthony Cutajar u PL Peter Paul Zammit bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-intimat fl-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

[2] Il-mobbli kollha ezistenti fl-imsemmi fond illum ghandhom jibqghu fl-istess fond, ad eskluzjoni tal-oggetti personali, inkluż hwejjeg tal-intimat u ghal kull effett tal-ligi dawn ghandhom jitqiesu li huma proprjeta' esklussiva tar-rikorrenti;

[3] Il-bilanc tad-depoziti bankarji kif ezistenti kemm jekk kongunti fuq iz-zewg partijiet, kemm jekk intestati separatament, ghandhom jinqassmu ugwalment bejn il-partiijiet;

[4] Il-bilanc tad-dejn jekk hemm fil-kontijiet bankarji ezistenti sa' Marzu 2008 u cioe' sad-data meta r-rikorrenti harget mid-dar matrimonjali, ghandu jigi sopportat ugwalment bejn iz-zewg partijiet, filwaqt li kwalunkwe dejn li sar wara Marzu 2008 ghandu jigi mhallas minn dik il-parti li ghamlet tali dejn;

**DWAR IT-TALBA GHALL-ORDNI SABIEX L-INTIMAT JIVVAKA MID-DAR MATRIMONJALI**

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak citat aktar 'il fuq u cioe' ghall-applikazzjoni tal-Artiklu 48 *et seq* fil-konfront tal-intimat, kif ukoll ghal dak li gie deciz taħt il-kappa tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u konsegwentement, tilqa' din it-talba b'dana illi l-intimat ghandu jivvaka mid-dar matrimonjali sa' zmien hmistax (15) –il gurnata mid-data ta' din is-sentenza. Wara tali data, jew mid-data li l-intimat jivvaka mid-dar gia matrimonjali, skond liema data ssehh l-ewwel, ir-rikorrenti tkun awtorizzata tibqa' tabita fid-dar konjugali ad eskluzzjoni ta' l-intimat flimkien mat-tfal minorenni u tkun awtorizzata wkoll li tbiddel is-serraturi tal-istess fond.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt illi tirrispingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut,

[1] Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-intimat;

[2] Tilqa' it-tieni talba u tordna illi l-kura u kustodja tal-ulied minuri ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn r-rikorrenti u takkorda access favur l-intimat kif spjegat aktar il-fuq f'dan il-gudikat;

[3] Tilqa' it-tielet talba limitatament ghal dak li jirrigwarda manteniment tal-minuri u tiffisa l-manteniment fir-rata ta' tlett mitt ewro (€300) kull erba' gimgħat, liema

manteniment għandu jitħallas bil-quddiem f'kont indikat mir-rikorrenti mill-intimat direttament;

[4] Tilqa r-raba' talba hekk kif kontemplat ukoll f'dan il-gudikat taħt il-kappa intestata 'Dwar it-Talba Ghax-Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti';

[5] Tilqa' l-hames talba u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti u tillikwidaha u tassenjaha fis-sens kif fuq stabbilit u ordnat f'dan il-gudikat fis-Sezzjoni ntestata 'Dwar it-Talba Ghax-Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti';

[6] Tilqa' s-sitt talba, kif spjegat aktar 'il fuq;

[7] Tilqa' is-sebgha talba u tinnomina lin-Nutar Dottor Mario Bugeja sabiex jircievi l-att opportun fil-gunata, hin u post fissati mill-istess nutar, u lill-Dottor Mark Anthony Cutajar u PL Peter Paul Zammit sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci;

[8] Tichad it-tmien talba peress li ma ngabux provi f'dan ir-rigward.

[9] Tilqa d-disa talba;

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------